**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Khaled Eddali**

**Seduta tad-Distrett Valletta**

**Illum 5 ta' Ottubru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Khaled Eddali** detentur tal-karta tal-identita' mahruga mill-Kummissarju tar-Refugjati bin-numru **16897** billi huwa akkuzat:

Talli nhar il-31 ta' Awwissu 2015 bejn l-ghaxra ta' filghaxija u nofs il-lejl (22:00hrs – 0:00hrs) gewwa l-Furjana u dawn il-Gzejjer:

1) Bil-hsieb li jisraq oggetti ta' valur u hwejjeg ohra minn gewwa l-fond numru 43, Flat 3, Triq l-Arcisqof Caruana, Floriana ghad-dannu ta' Mohamed A.K. Gubgub u/jew persuna/i ohra li wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema serq huwa aggravat bil-valur ta' izjed minn €232.94, bil-mezz, bil-lok u bil-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 264, 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-fatti**

L-imputat qed jigi akkuzat b'attentat ta' serq aggravat wara li fil-31 ta' Awwissu 2015 bil-lejl instab fuq bejt ta' flat fi Triq l-Arcisqof Caruana fil-Floriana. Mix-xhieda hareg li fl-attentat kienu involuti zewg persuni izda kien l-akkuzat biss li kien arrestat u mixli, ghaliex il-persuna l-ohra ma kinetx iddentifikata. Ix-xhud Mohammed A.K. Gubgub iddikjara fil-qorti li ma kien insteraqlu xejn u ma kien hemm l-ebda sgass fl-appartament fejn jghix hu. L-istess xhud hafer lill-imputat u ma kkonfermax il-valur tal-oggetti indikati fl-akkuza. Il-pulizija li marru fuq il-post ikkonfermaw li l-bieb tal-komun kien sgassat u l-Mohammed A.K. Gubgub kellu griehi f'wiccu dakinhar tal-incident.

Qabel ma' l-Qorti tibda taghmel il-konsiderazzjonijiet legali taghha dwar il-kaz, fic-cirkostanzi thoss li huwa f'loku li jsiru dawn ir-rimarki dwar l-Immigrazzjoni u l-Ordni Pubbliku.

## IMMIGRAZZJONI

Papa Gwanni Pawli II l-isfida tal-immigrazzjoni jittrattha fl-enciklika Caritas in Veritate fejn isejhilha bhala "fenomenu socjali li qed isawwar l-epoka"[1].

[1] Caritas in Veritate, para 62

Din il-problema tista’ tissolva biss b’koperazzjoni internazzjonali b’sahhitha ghax l-ebda pajjiz ma ghandu jkun mistenni li jsolvi l-problemi tal-emigrazzjoni wahdu

Din il-Qorti ssostni dak imnizzel fl-enciklika li “kull emigrant huwa bniedem li hu moghni b’jeddijiet fundamentali inaljenabbli li ghandhom ikunu rrispettati minn kulhadd u f’kull cirkustanza.[2]”

Il-Qorti tixxokkja ruhha meta taqra l-kummenti li jinkitbu fil-*blogs* dwar dan is-suġġett. Il-livell ta’ razzizmu, intolleranza u animozità lejn dawn il-persuni li huma bnedmin bhalna izda li ghandhom hafna problemi aktar minna huwa tal-biza. Meta l-Qorti taqra dawn il-kummenti ssaqsi x’ġara mill-valuri tal-ospitalità u l-imhabba lejn l-imġarrba li sawru lil dan il-pajjiz.

San Ġwanni Pawlu II meta zar il-gzejjer taghna sewwasew ftit minuti biss qabel temm it-tieni vjaġġ pastorali tieghu fostna nhar id-9 ta’ Mejju 2001 qal:

> *“Malta hija fic-centru tal-Mediterran. Ghalhekk intom ghandkom sejha unika biex tkunu bennejja ta’ pontijiet bejn il-popli tal-Mediterran, bejn l-Afrika u l-Ewropa. Il-futur tal-paci fid-dinja jiddependi fuq it-tishih tad-djalogu u l-fehma bejn il-kulturi u r-reliġjonijiet. Komplu fil-tradizzjonijiet taghkom ta’ ospitalità. U komplu fl-impenn nazzjonali u internazzjonali favur il-libertà, il-ġustizzja u l-paci”*

Pajjizna qieghed jerfa’ piz kbir inkluz t-toqol socjali li jista’ jittaffa mis-sistema edukattiva taghna u mis-socjetà civili li ghandhom jghinu lill-poplu taghna jifhem aktar dawn il-persuni li jiġu minn kulturi differenti minn taghna u jghinhom imorru

[2] Ibid.

lil hinn mill-isterjotipi li hafna drabi jitkattru minn nuqqas ta' taghrif u mill-bizà. It-toqol ta' din il-problema jizdied jekk dizgrazzjatament tinbidel f'ballun politiku.

Il-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca fil-ftuh tal-Parlament il-gdid fl-4 ta' Mejju 2015 gabret b'mod tajjeb hafna s-sitwazzjoni li qeghdin fiha:

> *"Pajjizna u r-reġjun ta' madwarna qed jaffaccjaw sitwazzjoni fejn eluf u eluf ta' nies qed jitilqu minn kontinenti milquta mill-konsegwenzi koroh ta' storja kolonjali flimkien ma' sitwazzjonijiet ta' vjolenza li jiehdu forom differenti.*
>
> *Eluf ta' nies qed jitilqu biex jitbieghdu wkoll minn stat imwiegher ta' sottozvilupp bi ftit possibilitajiet ta' mpjieg, gwerer civili li ghandhom parti mill-gheruq taghhom fl-industrija tal-armamenti, il-firxa tal-mard qerriedi bhal fil-kaz tal-Ebola u l-effetti koroh tal-bidla fil-klima.*
>
> *Hemm ukoll policies li mhumiex ko-erenti, li ma jaspirawx koezjoni socjali globali, bhalma huma s-sussidji li jinghataw lill-bdiewa fl-Amerika ta' Fuq u fl-Ewropa, li taghmilha difficli ghall-bdiewa fl-Afrika biex jidhlu fis-swieq u jbieghu l-prodotti taghhom.*
>
> *Dawn is-sitwazzjonjiet u ohrajn iwasslu biex nies ta' etajiet differenti jsalpaw lejn pajjizi ohra. Jippruvaw jaqsmu d-dezert tas-Sahara, ghal ġol-Libja u pajjizi ohra fl-Afrika ta' Fuq, bis-sitwazzjonijiet difficli li hemm, biex imbaghad jittantaw xortihom jaqsmu lejn l-Ewropa, wara li jkunu taw ġidhom lil min lest jisfrutta l-mizerja taghhom. Dawk li jirnexxilhom jaslu hawn u fuq il-kontinent Ewropew, forsi anki wara li tilfu xi gheziez taghhom tul l-istess vjaġġ, isibu ruhhom f'sitwazzjonijiet difficli ta' xort'ohra.*

*Gheziez membri ta' dan il-Parlament, jehtieġ li naghmlu sforz kollettiv sabiex nisimghu l-ilmenti ta' dawn in-nies li m'ghandhomx lobby b'sahhtu.*

*L-gharfien u l-kumpassjoni huma zewġ kwalitajiet li nemmen li huma dmirijiet ta' kull membru ta' din il-Kamra, anki fl-ispirtu ta' solidarjetà li dan l-ahhar eluf ta' Maltin esprimew fir-rigward tal-vittmi ta' din is-sitwazzjoni mwieghra.*

*Ghalhekk nappella lill-membri ta' din il-Kamra, biex ma titkaxxkrux mill-ftit vucijiet vociferi kontra dawn l-umani bhalna, u tissoktaw bil-hidma taghkom, fi hdan l-Unjoni Ewropea, u l-bqija tad-dinja, biex tinstab soluzzjoni umana u internazzjonali ghall-kwistjoni tal-immigrazzjoni mill-Africa u l-Lvant Nofsani. B'hekk ma niddependux fuq soluzzjonijiet nazzjonali ghal problema bhal din, li hi ta' natura globali.*

*Ma rridux ukoll ninsew id-dritt fundamentali ta' kull bniedem ghall-azil politiku li l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 tirrikonoxxi. L-ezercizzju ta' dan id-dritt, nazzarda nghid, permezz ta' hruġ ta'viza umanitarja, jista' jwassal ghal waqfien ta' traġedji bhal ma ilna naraw u, jisghobbija nghid, nibza' li ser inkomplu naraw. tal-wahx u ta' qsim il-qalb bhal dawk ta' tfal zghar reqdin ir-raqda eterna u bikrija taghhom f'dan il-qabar Mediterranju."*

Papa Frangisku jenfasizza li:

*"Hemm bzonn li kulhadd jibdel l-attaġġjament tieghu lejn l-immigranti u r-refuġjati; minn imġiba ta' difiza u ta' biza', ta' nuqqas ta' interess u ta' emarġinazzjoni - li fl-ahhar mill-ahhar hi propju l-istess bhall-"kultura tal-iskart" -hemm bzonn nghaddu ghal imġiba msejsa fuq "il-kultura tal-*

*laqgha flimkien", l-imġiba wahdanija li ghandha l-hila tibni dinja aktar ġusta, dinja ahjar, fejn il-bnedmin iqisu lil xulxin bhal ahwa"*[3].

L-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fakkar fit-tragedja ta' Lampedusa li pajjizna ghex mill-qrib anke minhabba l-qlubija tal-membri tal-Forzi Armati ta' Malta li hadmu bi shih u f'periklu biex isalvaw il-hajjiet:

*"Ghandhom jibqghu jidwu f'qalbna l-kliem li Papa Franġisku qal f'Lampedusa. Min hu responsabli ghall-mewt ta' tant persuni li bit-tama li jibdew hajja ġdida jippruvaw jaqsmu l-Meditteran imma ma jaslux fid-destinazzjoni ghax jgherqu? Min beka ma' l-ommijiet ta' dawn l-immigranti li telqu minn pajjizhom biex forsi jkunu jistghu jaqghelu l-ghixien ghalihom u ghall-familja taghhom?*[4]*"*

## ORDNI PUBBLIKU

**Il-Qorti ma taqbilx li min jinghata xi forma ta' protezzjoni f'pajjizna ma jimxix b'mod strett mal-ligijiet ta' pajjizna. Huma l-minoranza assoluta tal-immigranti fostna li jigu jaqghu u jqumu mil-ligijiet ta' pajjizna. Dawn il-ftit qeghdin jaghmlu hsara kbira hafna ghaliex qeghdin jitfghu dell ikrah fuq ohrajn li jghixu hajja ezemplari. Il-Qorti ma' dawn il-ftit se timxi b'id tal-hadid u theggeg lill-awtoritajiet biex juzaw il-poter li tatihom il-ligi u ma jiddejjqux jiehdu passi drasitici kontra dawn inkluz li jitkeccew minn pajjizna.**

---

[3] Messagg ta' Papa Frangisku fl-okkazjoni tal-"COLOQUIO MÉXICO SANTA SEDE SOBRE MOVILIDAD HUMANA Y DESARROLLO" (Belt tal-Messiku, 14 ta' Lulju 2014)

[4] Sintesi tal-omelija tal-Isqof Mario Grech waqt il-quddiesa tal-festa tal-Madonna ta' Loretu, f'Ghajnsielem (1 ta' Settembru 2013).

Kap. 420 l-Att dwar ir-Refugjati, Artikolu 10 (2) jipprovdi li l-Ministru jista' jirrevoka jew jiċħad milli jġedded il-protezzjoni mogħtija lil rifuġjat meta:

1. *(a) jkun hemm raġunijiet validi biex jikkunsidrah bħala perikoluż għas-sigurezza ta' Malta;*
2. *(b) billi jkun instab ħati b'sentenza li tkun daħlet f'ġudikat ta' xi reat li jkun wieħed partikolarment gravi, huwa jkun ta' periklu għall-komunità f'Malta.*

Artikolu 11(1) jipprovdi li l-Ministru jista' jordna t-tkeċċija minn Malta ta' rifuġjat jew persuni mogħtija protezzjoni sussidjarja abbażi tas-sigurezza nazzjonali jew l-ordni pubbliku.

Artikolu 17(1) jgħid li perusna hija eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet gravi biex jiġi kkunsidrat li:

(*d*) hija tkun ta' periklu għall-komunità jew għas- sigurezza ta' Malta:

Dan kien trattat ukoll fil-Qorti Ewropea ta' Lussimburgu fejn fil-kaz **H. T.** V **Land Baden-Württemberg**[5] deciz fl-24 June 2015 ntqal li

> *Council Directive 2004/83/EC of 29 April 2004 on minimum standards for the qualification and status of third country nationals or stateless persons as refugees or as persons who otherwise need international protection and the content of the protection granted must be interpreted as meaning that a residence permit, once granted to a refugee, may be revoked, either pursuant to Article 24(1) of that directive, where there are compelling reasons of national security or public order within the meaning of that provision, or pursuant to Article 21(3) of that directive, where there are reasons to apply the derogation from the principle of non-refoulement laid down in Article 21(2) of the same directive.*

[5] Case C-373/13 - REQUEST for a preliminary ruling under Article 267 TFEU from the from the Verwaltungsgerichtshof Fl-istessBaden-Württemberg (Germany), made by decision of 27 May 2013, received at the Court on 2 July 2013

Fl-istess decizjoni l-Qorti reghet spjegat dwar l-interpretazzjoni ta' x'jikkostitwixxi bhal sigurta' pubblika u ordni pubbliku kif imnizzla f'Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2004/38.

*"However, the Court has already had an opportunity to interpret the concepts of 'public security' and 'public order' contained in Articles 27 and 28 of Directive 2004/38. While that directive pursues different objectives to those pursued by Directive 2004/83 and Member States retain the freedom to determine the requirements of public policy and public security in accordance with their national needs, which can vary from one Member State to another and from one era to another (judgment in I., C-348/09, EU:C:2012:300, paragraph 23 and the case-law cited), the extent of the protection a company intends to afford to its fundamental interests cannot vary depending on the legal status of the person that undermines those interests.*

*Therefore, in order to interpret the concept of 'compelling reasons of national security or public order' contained in Article 24(1) of Directive 2004/83, it should first be taken into account that it has already been held that the concept of 'public security' contained in Article 28(3) of Directive 2004/38 covers both a Member State's internal and external security (see, inter alia, judgment in* ***Tsakouridis****, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 43 and the case-law cited) and that, consequently, a threat to the functioning of the institutions and essential public services and the survival of the population, as well as the risk of a serious disturbance to foreign relations or to peaceful coexistence of nations, or a risk to military interests, may affect public security (judgment in* ***Tsakouridis****, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 44). In addition, the Court has also held, in that context, that the concept of*

*'imperative grounds of public security' contained in Article 28(3) presupposes not only the existence of a threat to public security, but also that such a threat is of a particularly high degree of seriousness, as is reflected by the use of the words 'imperative reasons' (judgment in* ***Tsakouridis****, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 41).*

*Next, it is important to note that the concept of 'public order' contained in Directive 2004/38, in particular in Articles 27 and 28 thereof, has been interpreted in the case-law of the Court as meaning that recourse to that concept presupposes, in any event, the existence, in addition to the perturbation of the social order which any infringement of the law involves, of a genuine, present and sufficiently serious threat affecting one of the fundamental interests of society (see, to that effect, judgment in* ***Byankov****, C-249/11, EU:C:2012:608, paragraph 40 and the case-law cited)."*

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**<u>IT-TENTATTIV</u>**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebitat b'tentattiv ta' serq aggravat.

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi:

**"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."**

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu tal-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz tal-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubju dwar liema reat ikun qed jigi kkontemplat.

Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tentattiv u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma jkunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

> ***"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."***

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

> ***"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."***

Illi l-ahhar element legali li jsawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b'xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b'hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat. Izda jista' jisussisti ukoll it-tentattiv tar-reat jekk il-hati jieqaf minn jeddu u f'dana il-kaz huwa jkollu l-impunita u jehel il-piena ghal dawk l-atti li ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi.

Ighid il-Pofessur Mamo:

> **"The law is satisfied if the desistance is voluntary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will … The concept of voluntary desistance includes both the forbearance of the agent from doing further acts of**

**execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects."**

Il-Qorti tirreferi ukoll ghall-kaz **Il-Pulizija (Spt. Emanuel Cassar u Spt. Pierre Calleja vs Nazzareno sive Reno Zarb** tat-22 ta' Frar, 1993 fejn il-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) ppreseduta mill-Imhallef Carmel A. Agius irriteniet illi *"malli l-imputat mess it-tieqa huwa oltrepassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji minn dawk li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt".*

Dakinhar il-Qorti qalet ukoll li *"huwa veru li l-imputat jew akkuzat mhux obbligat li jixhed u mhux obbligat li jgib provi in proprja difesa, izda huwa veru li jekk il-provi li jkun hemm ikunu jitkellmu wahedhom jew inkella jekk ma jkunux daqstant cari joholqu dik il-bidu ta' prova illi jekk ma tigix kontrobattuta ssir konvincenti u konklussiva fiha nnifisha, l-istess imputat jew akkuzat ma jkunx jista' jippretendi illi s-skwiet tieghu, jew il-passivita' tieghu, meta jkun ovvju, jista' ma jittihidx in konsiderazzjoni."*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami u c-cirkostanzi kif zviluppaw f'dan il-kaz u l-provi li ngabu quddiem din l-Qorti, l-imputat qieghed jinstab hati ta' tentattiv ta' serq bl-aggravji indikati fic-citazzjoni barra dak tal-valur.

## IR-RICEDIVA

Illi permezz tal-ahhar imputazzjoni l-imputat qieghed jigi addebitat bir-recidiva.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat sentenza **Il-Pulizija (Sp. Daryl Borg) vs Eddali Khaled et.**, deciza fil-11 ta' April 2014 permezz ta' liema l-imputat gie bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti lliberatu mit-tieni akkuza bil-kundizzjoni li ma jikkommettix

reat iehor fi zmien sena u fir-rigward tat-tielet akkuza kien ikkundannat multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Appell Kriminali Inferjuri **Il-Pulizija vs Theodosius sive Dennis Baldacchino et** tas-7 ta' Jannar, 2010 moghtija mill-Imhallef Joseph Galea Debono tratta b'mod estensiv dwar dan:

> **"Din il-Qorti kienet ghamlet riferenza ghall-awturi Taljani w senjatament ghall-MANZINI w il-BORGHESE.**
>
> **Il-MANZINI (Trattato Di Diritto Penale Italiano, Vol. II, Parte I, p.774 u 775) jikkumenta hekk :**
>
> ***"La recidiva deve essere contestata in specie e grado, cosi' che non si puo' passare, senza nuova contestazione, dalla recidiva semplice alla aggravata. Ma l'obbligo della contestazione sussiste soltanto allorche' si debba valutare la recidiva come aggravante; non quando la recidiva e' considerata come ostacolo alla concessione d' un beneficio (es. diminuzioni facoltative, condanna condizionale, indulto, amnestia), nella quale ipotesi se ne deve tener conto anche se non sia stata contestata."***
>
> ***"Se la sentenza anteriore o il certificato penale non fossero stati allegati al processo o se la circostanza della recidiva non fosse stata in alcun modo contestata, o se il giudice non avesse applicato l'aggravamento, il giudice di appello non potrebbe applicarlo, qualora il pubblico ministero non avesse appellato su tal punto"***
>
> **Il-BORGHESE - "Codice Penale Italiano" (1953) p.175 jikkummenta li :**

*"Normalmente la recidiva risulta dal certificato del casellario guidiziale; le annotazioni di questo pero' non avendo carattere costitutivo, ma solo certificativo, la recidiva puo' trarsi, indipendentemente da esso, da altro documento, come la copia autentica o l' estratto di una sentenza di condanna*. (Cass.9 maggio 1934, Garolla , In Giust.pen., 1935 , II, 234) u jkompli jghid :

*"...Per la contestazione della recidiva basta la lettura in udienza dei precedenti penali ....*"

Din il-Qorti kienet irriteniet li s-soluzzjoni jidher li tinstab proprju fid-distinzjoni li jaghmel il-Manzini fuq citata fejn jghid li biex tinstab htija ta' recidiva biex isservi ta' aggravanti tar-reat, din tkun riedet giet kontestata lill-akkuzat espressament jew fl-istess akkuza jew f'xi talba jew sottomissjoni tal-prosekuzzjoni. Pero' ma hemmx il-htiega li dan isir biex Qorti ta' gustizzja penali tiehu kont tar-recidiva ta' akkuzat biss ghall-fini tal-erogazzjoni tal-piena meta tkun qed tikkonsidra xi diminuzioni fakultattiva fil-piena, xi kundanna kondizzjonali, ecc. kif inhu l-kaz odjern.

Ikkonsidrat;

Illi mill-process (fols. 3 u 4) jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet esebiet quddiem l-Ewwel Qorti l-fedina penali tal-appellat Theodosius Baldacchino proprju mac-citazzjoni. Issa minn din il-fedina penali jirrizulta li l-appellat sad-data tal-kommissjoni tar-reat ammess minnu f' din il- kawza kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati ta' delitt relatat mal-ligijiet tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud fl-20 ta' Jannar, 2004, kif fuq inghid.

**Ghalhekk f' dan il-kaz, bhal fil-kaz ta' Abela, meta l-Ewwel Qorti giet biex tapplika l-piena, una volta li quddiemha kellha l-fedina penali tal-appellat w, una volta li fuq il- korretteza ta' din il-fedina penali ma rrizulta li kien hemm ebda kontestazzjoni, w ladarba minn din il-fedina penali kien jirrizulta ampjament li l-appellat kien recidiv, imissha ma applikatax l-artikolu 28A zbaljatament kif fil-fatt ghamlet.**

**Din il-Qorti thoss li ghandha terga' temfasizza illi huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal- hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f' mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi. Ma jidhirx li dan sar mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz ghax kieku din kienet tinduna mill-ewwel li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza lill-appellat Theodosius Baldacchino."[6]**

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 49 jistabilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva u cioe jekk, *wara li tkun ġiet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor*. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront tal-imputat recidiv tista' tizdied bi grad.   Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

*Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi żmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet mahfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik*

[6] Appell Kriminali Inferjuri Nru. 384/2009

*il-piena kien iżjed minn hames snin, jew fi żmien hames snin, fil-każijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l-imputat irid ikun skonta il-perjodu ta' prigunerija gia impost fuqu.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

*Minghajr preġudizzju ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena moghtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx dahlet fis-sehh ghandha, ghall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv.*

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

*Meta l-qorti tkun qeghda tittratta ma' hati dwar reat, li ghalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija ghandha tqisu bhala reċidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jisthoqq ghal dak ir-reat liehor, iżda l-piena moghtija fis-sentenza sospiża ma ghandhiex titqies ghall-finijiet tal-artikolu 50 hlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet issehh u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew mahfura.*

Illi ghalhekk sentenza sospiza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta' l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata.

**Il-Qorti tinnota li l-perjodi specifikati fl-artikolu 50 f'kull kaz ma jiskattawx jekk il-persuna koncernata ma tkunx skontat il-piena. Skont kif inhi l-ligi bhalissa ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta'**

**recidività kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarcerazzjoni.**

**B'hekk qiegħed jinħoloq incentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi ssanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'kaz ta' recidiva.**

Dan kien trattat mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri fis-sentenza **l-Pulizija vs Anthony Said** deciza fl-10 ta' Lulju 2015 fejn kkritika dak li tipprovdi l-ligi kif inhi bħalissa:

> *"Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B'danakollu, id-dicitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u cioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet imħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-kaz li ma jirrizultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-recidiva ma japplikax."*[7]

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma jistax isir awment fil-piena minħabba recidiva peress li ma jirrizultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet imħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa.

Din il-Qorti tappella biex isir intervent legislattiv biex din l-anomalija li tippremja lil min ma jonorax is-sentenzi tal-Qrati tagħna tispicca. Barra minn hekk l-Qorti tappella li fejn hemm multi imposti mill-Qrati jingabru minnufih meta dovuti u

---

[7] Appell Kriminali Inferjuri 401/2013

jekk il-hati jonqos li jhallas dik is-somma jew parti minnha fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u ghandu jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 28G, 49, 50, 264, 267, 270 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah tmien xhur prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandu jitnaqqas miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin in konnessjoni ma' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali u lill-Ministru tal-Intern u Sigurta’ Nazzjonali.

**Ft./Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Vera kopja

Margaret De Battista
Deputat Registratur